# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru 9**

**Citaz. numru: 705/00 M1 NA**

**Roberta Pisani**

**vs**

**Alex Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-12 ta' April 2000 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet kienu zzewgu fl-ewwel ta' Mejju 1993;

Illi dan iz-zwieg huwa null ghax:

- Il-kunsens tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dak il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg: u/jew

- Il-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga: u/jew

wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-1 ta' Mejju 1993 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq, jew xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skond l-Artikolu 19 (1), (d), (f) u (h) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

Il-konvenut huwa minn issa mharrek biex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut gie debitament notifikat u fil-fatt deher ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2000 pero' ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u ghalhekk huwa fi stat ta' kontumacja. F'dik is-seduta, nonostante, u stante n-natura ta' dan il-kaz il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Tanya Sammut bhala espert fil-materja biex tigbor il-provi u tirrelata. Hija halfet ir-relazzjoni taghha fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2001 fejn l-attrici, tramite d-difensur taghha, irremettiet ruhha ghar-rapport peritali w il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum. Jinghad illi l-konvenut ma deherx f'din is-seduta.

Ikkunsidrat:-

Il-Perit Legali kkunsidrat il-provi kollha mressqa nkluz ix-xhieda tal-konvenut ipprezentat b'affidavit u ezaminat dawn il-provi fil-parametri tas-sub-incizi (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqhom l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha.

Fir-rigward ta' l-Artikolu 19 (1) (d) hija gustament osservat: "*Il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-*

*kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrekjedi r-rabta taz-zwieg. Ghalhekk meta ghal xi raguni jew ohra l-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*" U wara li kkunsidrat il-provi mressqa waslet ghal-konkluzzjoni f'dan ir-rigward illi: "*L-esponenti hija tal-fehma illi meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment l-eta' ta' l-attrici, in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet u l-ambjent familjari taghhom fl-isfond tal-provi wiehed jista' jasal ghall-konvinciment rikjest dwar il-kunsens vizzjat ta' l-attrici fil-mument taz-zwieg.*" Il-Perit Legali kienet ta' l-opinjoni illi z-zwieg odjern kellu jigi ddikjarat null a tenur tas-sub-artikolu (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) u dana peress illi l-attrici rnexxielha tipprova f'dak il-grad rikjest mil-ligi illi l-kunsens taghha kien ivvizzjat b'simulazzjoni parzjali fl-eskluzjoni ta' wiehed, jew aktar, ta' l-elementi essenzjali taz-zwieg. Minkejja illi dan ma tghidux fir-rapport taghha, il-Perit Legali naqset milli tikkonsidra n-nullita' ta' dan iz-zwieg taht is-sub-inciz (h) probabbilment ghax sabet ragunijiet sufficjenti biex taghti l-parir taghha ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg taht is-sub-incizi (d) u (f).

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tibda biex tghid illi, *in ogni caso*, u mill-provi mressqa ma jirrizultawx ragunijiet sufficjenti biex dan iz-zwieg jigi annullat a bazi tas-sub-inciz (h) ta' l-Artikolu 19 (1).

Fir-rigward tas-sub-incizi l-ohra invece l-Qorti tikkondividi l-parir moghti mill-Perit Legali.  Ghal dak li jirrigwarda s-sub-inciz (d) din il-Qorti ftit ghandha x'izzid ma' dak li kkonkludiet l-istess Perit Legali.  Jirrizulta wkoll illi r-raguni principali l-ghala l-attrici zzewget lill-konvenut ma kienx ghax hija verament kienet thobbu u riedet tidhol ghar-rabta ta' zwieg mieghu imma aktar minhabba s-sitwazzjoni ta' tensjoni li kienet tezisti fid-dar tal-genituri taghha li kienu ghaddejjin minn zminijiet koroh fiz-zwieg taghhom u li giaghlu lill-attrici trid titlaq mill-istess dar u z-zwieg mal-konvenut kien il-mezz biex hija dana taghmlu.  Korrettement, ghalhekk, jezistu ragunijiet ghall-annullament ta' dan iz-zwieg ukoll taht is-sub-inciz (f) ta' l-Artikolu 19 (1).

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-1 ta' Mejju 1993 ma jiswiex u huwa null ghar-

ragunijiet migjuba fil-premessi citattivi skond l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minkejja illi l-konvenut ma ghamilx nota ta' l-eccezzjonijiet fuq il-provi l-Qorti jidhrilha illi l-ispejjes kollha ta' din il-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.